# Punti Prinċipali tar-Rapport ta' l-EUMC
# "Il-Musulmani fl-Unjoni Ewropea: Diskriminazzjoni u Islamofobija"

Ġew provduti traduzzjonijiet ta' dan is-sommarju fil-lingwi kollha ta' l-UE għal skopijiet ta' informazzjoni. Il-verżjoni Ingliża tipprevali.

"Il-Musulmani fl-Unjoni Ewropea: Diskriminazzjoni u Islamofobija" huwa rapport miċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (EUMC) dwar is-sitwazzjoni tal-Musulmani fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-rapport jeżamina d-dejta u l-informazzjoni disponibbli dwar il-firxa u n-natura tad-diskriminazzjoni kontra l-Musulmani u ta' l-inċidenti Islamofobiċi fl-UE. Dawn l-atti għadhom jiġu dokumentati u rappuratati ftit wisq. Ir-Rapport jippreżenta wkoll eżempji ta' prattika tajba fl-Istati Membri, u jressaq proposti għal azzjoni kontra d-diskriminazzjoni u r-razziżmu, għall-ġid ta' l-integrazzjoni.

## Sejbiet u konklużjonijiet prinċipali

- ✓ Irrispettivament mill-isfond etniku u/jew l-approċċ għar-reliġjon, bosta Musulmani Ewropej qed jiffaċċjaw diskriminazzjoni fl-impjieg, fl-edukazzjoni u fil-*housing*.
- ✓ Id-diskriminazzjoni kontra l-Musulmani tista' tiġi attribwita għal attitudnijiet ta' Islamofobija kif ukoll għar-riżentiment razzist u xenofobiku, peress illi tali elementi huma spiss magħqudin. L-ostilità kontra l-Musulmani għandha għalhekk tiġi meqjusa f'kuntest iktar ġenerali ta' ksenofobija u razziżmu lejn migranti u minoritajiet.
- ✓ Huwa ovvju illi l-Musulmani qed jesperjenzaw atti Islamofobiċi, li jvarjaw minn theddid verbali sa attakki fiżiċi, għalkemm dejta dwar inċidenti aggravati mir-reliġjon hija miġbura fuq skala limitata.
- ✓ Id-dejta disponibbli dwar il-vittmi tad-diskriminazzjoni turi illi l-Musulmani Ewropej huma spiss rappreżentati b'mod sproporzjonat f'żoni b'kundizzjonijiet ta' *housing* ifqar, filwaqt illi l-kisbiet edukazzjonali tagħhom jaqaw taħt il-medja u r-rati ta' qgħad tagħhom huma ogħla mill-medja. Il-Musulmani spiss għandhom impiegi li jirrikjedu inqas kwalifiki. Bħala grupp, huma rappreżentati wisq f'setturi ta' l-ekonomija b'salarji baxxi.
- ✓ Bosta Musulmani Ewropej, b'mod partikolari persuni żgħażagħ, jiffaċċjaw ostakoli għat-titjib soċjali tagħhom. Dan jista' jwassal għal sensazzjoni ta' disperazzjoni u ta' esklużjoni soċjali.
- ✓ Ir-razziżmu, id-diskriminazzjoni u l-marġinalizzazzjoni jikkostitwixxu theddid serju għall-integrazzjoni u għall-koeżjoni tal-komunità.

## Provi ta' diskriminazzjoni kontra l-Musulmani Ewropej

### Impjieg

F'xo Stati Membri, ir-rata ta' qgħad fost il-Musulmani għandha t-tendenza illi tkun għolja. Per eżempju, fir-Renju Unit, ir-rati ta' qgħad għall-Musulmani huma ogħla minn dawk għal persuni li għandhom kwalunkwe reliġjon oħra kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa. Fl-Irlanda, iċ-ċens ta' l-2002 wera illi 11 fil-mija tal-Musulmani kienu bla impjieg, filwaqt illi l-medja nazzjonali kienet ta' 4 fil-mija.

L-ittestjar ta' diskriminazzjoni juri illi l-Musulmani jesperjenzaw diskriminazzjoni u jiffaċċjaw opportunitajiet ta' impjieg limitati. Per eżempju, fir-Renju Unit, programm tar-radju prodott minn BBC fl-2004 wettaq eżerċizzju fejn 50 kumpanija rċevew applikazzjonijiet minn sitt kandidati fittizji b'ismijiet illi kienu jissuġġerixxu b'mod ċar l-isfond tagħhom ta' Ingliżi b'ġilda bajda, Afrikani jew Musulmani. Il-kandidati bojod kellhom iktar ċans (25 fil-mija) mill-applikanti suwed (13 fil-mija) illi jiġu mistiedna għall-intervista, filwaqt illi dawk b'isem Musulman (9 fil-mija) kellhom l-inqas suċċess. Fi Franza fl-2004, l-Università ta' Pariġi bagħtet *curricula vitae standard* li setgħu jiġu identifikati bħala li kienu jappartjenu għal varjetà ta' gruppi etniċi, u dan bħala rispons għal reklamar ta' 258 post tax-xogħol battal ta' persuni li jbiegħu prodotti. Instab illi persuna mill-Afrika ta' Fuq kellha ħames darbiet inqas iċ-ċans illi tottjeni rispons pożittiv.

## Edukazzjoni

Livelli baxxi ta' kisbiet edukazzjonali jikkostitwixxu fattur ieħor fid-diskriminazzjoni li jiffaċċjaw il-Musulmani Ewropej. F'bosta Stati Membri ġewwa liema parti notevoli tal-popolazzjoni ta' migranti tikkonsisti minn Musulmani (eż. Danimarka, Ġermanja u Franza), migranti u dixxendenti minn pajjiżi terzi juru rati ta' edukazzjoni kompluta iktar baxxi u jiksbu, bħala medja, kwalifiki iktar baxxi mill-maġġoranza tal-popolazzjoni.

L-Istudji ta' OECD PISA dwar il-kapaċitajiet ta' studenti migranti juru illi studenti li ma jkunux twieldu fil-pajjiż jafu jaqraw u jiktbu ħafna inqas minn studenti li jkunu twieldu fil-pajjiż. B'mod partikolari f'pajjiżi fejn l-i*status* edukazzjonali u soċjoekonomiku tal-familji migranti – bosta bi sfond Musulman – huwa komparattivament baxx, hemm it-tendenza illi d-differenzi fil-kapaċitajiet bejn studenti bi u mingħajr sfondi ta' migranti jkunu ikbar.

Bir-rigward għall-provvista ta' edukazzjoni reliġjuża, l-Istati Membri jsegwu approċċi differenti. Dawn jinkludu edukazzjoni reliġjuża sekulari formali; tagħlim kontrakurrikulari ta' l-Islam; tagħlim separat Islamiku provdut fi ħdan jew barra l-kuntest ta' skola statali. Il-Komunitajiet Musulmani jipprovdu wkoll klassijiet supplimentari fl-istruzzjoni reliġjuża Islamika, iżda jeżisti tħassib dwar il-prattika li jiġu mistiedna l-Imams minn pajjiżi terzi li ma jkunux jippossjedu kwalifiki formali u jkollhom ftit li xejn fehma tal-kuntest lokali, soċjali u kulturali.

## *Housing*

Jidher b'mod ġenerali illi l-migranti, inklużi dawk minn pajjiżi predominentement Musulmani, ibagħtu minn kundizzjonijiet foqra ta' *housing* u vulnerabbilità u insigurtà ikbar fl-i*status* ta' *housing* tagħhom. Sar xi titjib fil-mudelli ta' kundizzjonijiet ta' *housing*, iżda għad hemm inugwaljanzi fil-qasam tal-*housing*, l-iktar dovuti għall-istokk inadegwat ta' *housing* soċjali għal gruppi b'salarji baxxi, bħall-migranti jew id-dixxendenti tal-migranti.

## Provi ta' inċidenti Islamofobiċi

Dejta uffiċjali li hija disponibbli għandha tissaħħaħ sabiex jiġu identifikati reati motivati jew aggravati mir-reliġjon. Bħalissa huma biss ir-Renju Unit u l-Finalndja li għandhom mekkaniżmi ta' ġbir ta' dejta uffiċjali għall-ġustizzja kriminali, li juru dettalji dwar l-oriġini tal-vittmi ta' kriminalità razzista. Ir-Renju Unit biss jippubblika dejta relatata mal-ġustizzja kriminali li tidentifika b'mod speċjali l-Musulmani bħala vittmi ta' kriminalità kkawżata mill-mibgħeda.

Madankollu, il-kumbinazzjoni ta' dejta uffiċjali u informazzjoni mhux uffiċjali mill-NGOs turi illi l-inċidenti Islamofobiċi ġew irrappurtati f'bosta Stati Membri. Dawn l-inċidenti jvarjaw minn theddid verbali għal attakki fiżiċi fuq persuni u proprjetà.

L-EUMC tidentifika l-Islamofobija u l-manisfestazzjonijiet tagħha fuq il-bażi ta' *standards* miftehma internazzjonalment dwar ir-razziżmu u fuq ix-xogħol li għadu qed jitwettaq mill-Kunsill ta' l-Ewropa u mill-Ġnus Magħquda.

## Fatti dwar il-Komunitajiet Musulmani ta' l-Unjoni Ewropea

L-Istatistiċi demografiċi eżistenti joffru biss stimi dwar in-numru ta' Musulmani li jgħixu fl-Unjoni Ewropea. L-iktar figura konservattiva ibbażata fuq kalkoli uffiċjali u stimi ta' l-NGOs hija dik ta' madwar 13-il miljun, li tikkorrispondi għal 3.5 fil-mija tal-popolazzjoni totali ta' l-UE.

Il-Musulmani jikkostitwixxu t-tieni l-ikbar grupp reliġjuż fis-soċjetà ta' l-UE li tinkludi ħafna twemmin. Il-Musulmani li jgħixu fl-UE huma mixxela ferm diversa ta' etniki, lingwi, tendenzi sekulari u reliġjużi, tradizzjonijiet kulturali u konvinzjonijiet politiċi differenti.

Il-Musulmani mit-Turkija, mill-Afrika ta' Fuq, mil-Lvant Nofsani, mill-Pakistan, mill-Bangladesh, u mill-ex Jugożlavja jippredominaw fost il-popolazzjonijiet Muslumani ta' l-Unjoni Ewropea. Numru sostanzjali minnhom huma ċittadini ta' l-UE. Xi Musulmani li jgħixu fl-UE għandhom ukoll preżenza storika twila fil-pajjiżi illi jgħixu fihom.

## L-EUMC isejjaħ b'mod partikolari għar-risponsi sussegwenti fil-leġiżlazzjoni u fil-politika:

L-EUMC jemmen illi miżuri u prattiki illi jittrattaw id-diskriminazzjoni u jindirizzaw il-marġinalizzazzjoni soċjali għandhom isiru prijoritajiet ta' politika. Risponsi ta' politika għandhom jirrikonoxxu illi ħafna Musulmani fl-UE esperjenzaw diskriminazzjoni, illi kellha impatt fuq l-opportunitajiet ta' impjieg u l-i*standards* ta' l-edukazzjoni, u b'hekk wasslet għal marġinalizzazzjoni soċjali.

- ✓ **Implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni:** L-Istati Membri għandhom japplikaw bis-sħiħ id-direttivi kontra d-diskriminazzjoni (Direttiva dwar l-Ugwaljanza bejn ir-Razez 2000/43/KE u d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg 2000/78/KE) u jagħmlu użu iktar sħiħ tad-dispożizzjonijiet ta' dawn, inklużi l-miżuri speċifiċi sabiex tiġi promossa l-ugwaljanza. L-Istati Membri għandhom ukoll jikkunsidraw illi jmorru lil hinn mir-rekwiżiti legali minimi tad-Direttivi, u li jiżguraw illi gruppi vulnerabbli għad-diskriminazzjoni huma konxji mid-drittijiet tagħhom, u huma mogħtija l-mezzi sabiex jiżguraw illi jingħatawlhom tali drittijiet.
- ✓ **Ir-Reġistrazzjoni u l-monitoraġġ ta' inċidenti Islamofobiċi:** L-Istati Membri huma mħeġġa illi jistabbilixxu mekkaniżmi sabiex jirreġistraw inċidenti li jkunu ġeneralment

razzisti, bil-għan illi jaqsmu dawn l-istatistiċi f'inċidenti li jinvolvu gruppi differenti ta' vittmi, inklużi l-Musulmani. L-Istati Membri huma mħeġġa illi jinkorporaw taħriġ kontra r-razziżmu u favur id-diversità fil-programmi ta' taħriġ tal-pulizija tagħhom.

- ✓ **L-Implimentazzjoni ta' l-integrazzjoni soċjali u politiki ta' inklużjoni għal migranti u minoritajiet:** L-Istati Membri huma mħeġġa illi jimplimentaw miżuri ta' sostenn għal migranti u minoritajiet, inklużi l-Musulmani, sabiex dawn jiġi provduti b'opportunitajiet indaqs u sabiex tiġi prevenuta l-marġinalizzazzjoni tagħhom. Il-minoritajiet għandhom ikunu konsultati b'mod attiv rigward l-ifformular ta' politiki immirati għall-integrazzjoni soċjali.
- ✓ **Il-Promozzjoni ta' miżuri fl-impjieg:** L-Istati Membri huma mħeġġa illi jintensifikaw l-isforzi tagħhom sabiex itejbu l-opportunitajiet ta' impjieg b'mod partikolari għaż-żgħożija minoritarja, inklużi l-Musulmani. Awtoritajiet pubbliċi nazzjonali u pubbliċi għandhom ikomplu jippromwovu aċċess indaqs għall-impjieg.
- ✓ **Il-Promozzjoni ta' miżuri ta' edukazzjoni u ta' taħriġ:** L-Istati Membri huma mħeġġa illi jeżaminaw ir-raġjunijiet għad-differenzi fil-kisbiet edukazzjonali. L-Istati Membri għandhom jevitaw illi l-istudenti minoritarji jitqiegħdu fi klassijiet separati. L-Istati Membri għandhom jieħdu f'idejhom reviżjonijiet ta' kotba tat-testi ta' l-iskejjel sabiex jiżguraw illi l-istorja tal-gruppi minoritarji hija preżentata b'mod preċiż. Diskussjonijiet dwar ir-razziżmu, il-ksenofobija, l-antisemitiżmu u l-Islamofobija għandhom ikunu parti mill-*cirricula* uffiċjali ta' l-iskejjel.
- ✓ **L-Involviment ta' partiti politiċi:** Il-partiti politiċi kollha ta' l-Ewropa huma mħeġġa illi jiffirmaw u jimplimentaw il-"Karta tal-Partiti Politiċi Ewropej għal Soċjetà mhux Razzista"[1].
- ✓ **Parteċipazzjoni:** Il-Musulmani Ewropej għandhom jiġu mħeġġa sabiex jinvolvu ruħhom b'mod iktar attiv fil-ħajja pubblika (eż. F'istituzzjonijiet u proċessi politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali).
- ✓ **Il-medja:** Il-medja għandha teżamina r-rapporti tagħha sabiex tiżgura l-preċiżjoni u l-komprensività ta' dawn meta jiġu kopruti tali kwistjonijiet. Il-medja huma mħeġġa illi jimplimentaw inizjattivi ta' reklutaġġ u ta' taħriġ għal ġornalisti sabiex tiġi riflessa aħjar id-diversità fi ħdan l-UE. L-Istati Membri huma mħeġġa illi jħaddmu jew jinfurzaw mill-ġdid il-leġiżlazzjoni dwar provdituri tas-servizz ta' l-Internet sabiex tiġi prevenuta d-disseminazzjoni ta' materjal razzista illegali, bi qbil ma' l-artikolu 14 tad-Direttiva tal-KE dwar il-Kummerċ Elettroniku (2000/31/KE).

**<u>Inizjattivi prattiċi għall-ġlieda kontra l-Islamofobija u għall-ġid tal-koeżjoni</u>**

L-EUMC iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jagħmlu użu attiv mill-eżempji ta' inizjattivi prattiċi eżistenti madwar l-UE, li ħafna minnhom ġew imsemmija tul ir-rapport.

L-EUMC jemmen illi l-integrazzjoni tikkostitwixxi proċess minn żewġ naħat. Bosta Musulmani Ewropej jirrikonoxxu l-ħtieġa illi jagħmlu aktar sabiex jinvolvu ruħhom fis-soċjetà iktar wiesgħa. Fl-istess waqt il-mexxejja politiċi Ewropej għandhom jagħmlu sforz aktar qawwi sabiex jippromwovu djalogu interkulturali sinifikanti u jiġġieldu kontra r-razziżmu, id-diskriminazzjoni u l-marġinalizzazzjoni b'mod aktar effettiv. L-isfida

[1] http://www.eumc.eu.int/eumc/index.php?fuseaction=content.dsp_cat_content&catid=3ef0500f9e0c5&contentid=3ef0546396bb5

prinċipali hija li tiġi msaħħa l-koeżjoni fis-soċjetajiet Ewropej. Dan jimplika r-rispett tad-diversità, iż-żamma tad-drittijiet fundamentali u l-garanzija ta' opportunitajiet indaqs għal kulħadd.

**Inizjattivi fl-edukazzjoni**

- ✓ Fil-Lussemburgu, il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni ddeċieda illi jipprovdi lill-istudenti ta' l-aħħar sena b'kors dwar "*instruction religieuse et morale*" (struzzjoni reliġjuża u morali) illi jiffoka fuq id-djalogu interreliġjuż u jispjega l-valuri umani ta' reliġjonijiet mhux Kristjani.

**Djalogu interreliġjuż**

- ✓ Fil-Ġermanja, twaqqfu bosta 'Forums ta' l-Islam' bil-għan espliċitu illi jitnaqqsu l-preġudizzji u l-beżgħat lejn il-komunità Musulmana, u sabiex titrawwem diskussjoni kritika bejn ir-rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet u r-rappreżentanti Musulmani tas-soċjetà maġġoritarja. Dawn il-fora m'għandhomx *status* uffiċjali, u nbdew minn NGO.
- ✓ Fir-Renju Unit, mexxejja mir-reliġjonijiet Musulmana, Lhudija u Kristjana waqqfu issa it-*Three Faiths Forum* (Forum tat-Tliet Reliġjonijiet) illi jorganizza konferenzi, seminars u laqgħat ma' politiċi nazzjonali u lokali.

**Inizjattivi muniċipali**

- ✓ F'Rotterdam, il-muniċipalità tal-belt tissussidja l-iSPIOR, pjattaforma ta' organizzazzjonijiet Islamiċi. L-organizzazzjoni, li ġiet stabbilita fl-1990, tippromwovi l-interessi tal-Musulmani fil-belt, u tirrappreżenta 42 organizzazzjoni, li jvarjaw minn tmien komunitajiet etniċi għal organizzazzjonijiet għan-nisa u għaż-żgħażagħ. Fil-passat riċenti, kompitu importanti kien illi jiġi promoss ftehim imtejjeb bejn il-Musulmani u dawk li mhumiex Musulmani. Il-kunsill ta' Rotterdam organizza disa' 'Dibattiti dwar l-Islam' bejn Frar u April 2005. Matul dawn id-dibattiti ġew diskussi bosta kwistjonijiet rigward l-Islam li kienu jvarjaw mill-għoli tal-minaret ta' moskea ġdida għall-edukazzjoni u s-sitwazzjoni ekonomika.
- ✓ Fir-Renju Unit, bosta awtoritajiet tal-gvern lokali żviluppaw linji gwida bil-miktub sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġiet pastorali, reliġjużi u kulturali ta' l-istudenti Musulmani. Xi wħud mil-linji gwida l-iktar dettaljati u ta' għajnuna ġew prodotti f'Birmingham b'kollaborazzjoni mal-Moskea Ċentrali ta' Birmingham. L-Awtoritajiet lokali żviluppaw ukoll prattiki tajba sabiex tiġi indirizzata u sfidata l-Islamofobija u jirreferu għall-ostilità reliġjuża u għall-Islamofobija fid-dokumentazzjoni tal-politika tagħhom.

**Inizjattivi tal-pulizija**

- ✓ Fir-Renju Unit, il-*London Metropolitan Police Service* (MET – Servizz tal-Pulizija Metropolitan ta' Londra) ħadmet b'mod estensiv ma' l-NGO FAIR (*Forum against Islamophobia and Racism* – Forum kontra l-Islamofobija u r-Razziżmu) u organizzazzjonijiet prinċipali oħra fuq il-kampanja, 'Islamofobija – Tbagħtix fil-Kwiet'. Din kienet kampanja nazzjonali maġġuri llanċjata mill-MET fl-2004 sabiex tieqaf il-kriminalità kontra l-Musulmani, sabiex tiġi provduta għajnuna lill-vittmi ta' l-Islamofobija, u sabiex jittejjeb il-monitoraġġ tal-MET ta' l-Islamofobija u r-relazzjonijiet mal-komunità Musulmana.

Dan ir-rapport għandu mehmuż miegħu studju dwar il-**"Perċezzjonijiet tad-diskriminazzjoni u l-Islamofobija"**, li huwa bbażat fuq intervisti fil-fond ma' membri tal-komunitajiet Musulmani f'għaxar Stati Membri ta' l-UE. Dan l-istudju jipprovdi stampa ta' l-opinjonijiet, sentimenti, beżgħat, frustrazzjonijiet kif ukoll tamiet għall-futur li huma komuni għal bosta Musulmani fl-UE.